# MARIJA TIĠBORNA FLIMKIEN



F'dan il-Ħadd se noħorġu l-purċissjoni bil-Madonna tar-Rużarju. Kien fl-1571 meta l-flotta navali Torka kienet skerjata kontra l-flotta navali miġbura flimkien minn bosta pajjiżi tal-Ewropa. Fosthom kien hemm preżenti wkoll baħrin u uffiċjali minn tal-Kavallieri ta' Malta. Il-battalja saret fis-7 ta' Ottubru. Fil-jiem ta' qabel il-battalja, l-Insara kienu għamlu talb kontinwu, speċjalment bit-talba tar-Rużarju. Wara li l-Insara rebħu dil-battalja li tissejjaħ Ta' Lepanto, il-Papa ta' dak iż-żmien waqqaf din il-festa tar-Rużarju.

Fil-knisja għandna xbieha mill-isbaħ tal-Madonna tar-Rużarju. Barra li nistedinkom għal din il-purċissjoni, infakkarkom li tkun ħaġa mill-isbaħ li fil-familji tagħna nsibu dawk il-ftit minuti biex matul dan ix-xahar ngħidu t-talba tar-Rużarju flimkien.

Ir-Rużarju huwa talba li fiha nimmeditaw mumenti mill-ħajja ta' Ġesù u Marija, permezz tal-Misteri tal-Ferħ, tat-Tbatija, tad-Dawl u tal-Glorja. Il-fatt li nirrepetu s-Sliema u l-Qaddisa għal bosta drabi, tgħinna sabiex nitħaddtu mal-Madonna qisu b'insistenza min-naħa tagħna.

Xi żmien ilu konna ssuġġerejna biex ir-Rużarju jingħad almenu fit-8 ta' kull xahar. Kemm tkun ħaġa sabiħa jekk matul dan ix-xahar ta' Ottubru ngħidu r-Rużarju sħiħ jew imqar posta minnu.

***L-Arċipriet***




***3 DEPTHS***: Tliet serati għaż-żgħażagħ Għawdxin f'Malta li fihom ikun hemm laqgħa ta' formazzjoni li tiġi segwita minn mumenti flimkien fejn ikun hemm ukoll ikel provdut. Dawn ser isiru mit-Tnejn 17 sal-Erbgħa 19 ta' Ottubru, fit-8:00pm, iċ-Chaplaincy tal-Università.

**AVVIŻI:**

**IL-LAQGĦAT FL-NTYC: se jerġgħu jibdew minn din il-ġimgħa:**

Form 2: L-Erbgħa fis-6:00pm — Forms 3-5: L-Erbgħa fit-8:00pm

16plus: Il-Ħamis fit-8:00pm — 18plus: It-Tlieta fit-8:00pm (Malta)

Il-Ġimgħa fit-8:00pm ikun hemm il-*Prayer Group* għall-istudenti minn 15-il sena 'l fuq.

**RUŻARJU MATUL IX-XAHAR T'OTTUBRU:**

**FIL-KNISJA:** jingħad qabel l-aħħar quddiesa tas-6:30pm. Sib ftit ħin qabel il-quddiesa. Marija tkun qed tistenniek.

**F'POSTIJIET PUBBLIĊI:** nhar il-Ġimgħa 7 t'Ottubru, jum il-festa tal-Madonna tar-Rużarju, niltaqgħu fi Ġnien il-Kunsill quddiem l-istatwa tagħha.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 7 t'Ottubru, fl-4:00pm.

**FESTA TA' SAN FRANĠISK T'ASSISI:** fil-kappella tas-Sorijiet, se ssir Quddiesa ad unur San Franġisk t'Assisi nhar il-Ġimgħa 7 t'Ottubru, 2022. Fil-5:00pm ikun hemm ir-Rużarju u fil-5:30pm tibda l-Quddiesa kantata, Antifona u Barka Sagramentali. Inħeġġukom tattendu.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 7 t'Ottubru fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, wara l-quddiesa tal-5:00pm. Huwa jum ta' devozzjoni. Inħeġġu lil kulħadd biex jieħu sehem f'dan il-ħin ta' talb lill-Ħniena Divina.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** se torganizza l-ewwel ħarġa tagħha nhar il-Ħamis 6 t'Ottubru. Inżuru s-Santwarju Ta' Pinu u wara l-Crafts Village Ta' Dbieġi. Tistgħu tibbukkjaw fl-Uffiċċju Parrokkjali (21551649) jew inkella ċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**Il-Quddiesa ta' filgħaxija mit-Tnejn sas-Sibt se tibda tkun fis-6:30pm minflok fis-7:00pm mill-1 ta' Ottubru.**

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am